KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone +356 2133 7633
Fax +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 41

Il-Wiehed u erbghin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 10 ta' Gunju 2015 fis-6.12pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Patching u Manutenzjoni ta' Toroq u Bankini*
6. *Kuntratt ta' Tpaċċija – Polidano Bros*
7. *Suggerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aggornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 40_19/05/2015

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli talab korrezzjoni għal punt 6.2 fejn qal li l-laqgħa kienet dwar proġett Urbact City Festival. *Korrezzjonijiet*

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli talab korrezzjoni għall-punt 6.3 li minnflok il-kelma 'Dawn irrakkomondaw' trid tinqara 'Il-Kunsillier P. Radmilli irrakomanda..'

1.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni tal-minuti. Approvazzjoni tas-seduta 40_19/05/2015

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Dwar punt 6.2 il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet min se jieħu ħsieb li l-Kunsill jagħmel zewġ laqgħat għar-residenti kif kien suġġerit fl-aħħar laqgħa. Kien hemm qbil li l-ewwel laqgħa annwali ssir skont il-liġi tal-Kunsill Lokali u t-tieni laqgħa ssir f'Settembru. Kien hemm qbil dwar dan. *Zewġ laqgħat annwali għar-residenti*

2.2 Dwar punt 1.3 is-Sindku informa li l-Kunsill għandu stedina għal tlett membri biex izur Bialystok. *Stedina ghal Bialystok*

*Daħal il-Viċi Sindku għas-seduta fis-18.22 u l-Kunsillier J. Pillow fis-18.23*

2.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas il-*flights*. Id-dati huma bejn 19 u 21 ta' Gunju 2015. Kien hemm qbil li jattendu s-Sindku u zewg Kunsilliera oħra minn L. Cassar Shaw, D. Muscat jew J. Pillow.

2.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa dwar punt 2.2 li l-istruttura perikoluza li kien hemm f'Tas-Sliema *playing field* tneħħiet u nizel flimkien mal-Kunsillier J. Pillow u ġie nnotat x'hemm bzonn isir. *Tas-Sliema –Playing field*

2.5 Dwar punt 2.5 dwar il-bollard fi Triq Bisazza l-Kunsill ġie infurmat li l-Alberta bgħatu ittra legali għaliex għadu ma tħallasx il-kont. Il-Viċi Sindku propona li ssir laqgħa mal-Alberta bil-presenza tal-avukati u sadanittant il-pagament jinzamm *on hold.* Kien hemm qbil dwar dan. *Bollard fi Triq Bisazza*

2.6 Dwar punt 2.6 rigward il-laqgha mal-kuntratturi fi Triq Sir Arturo *Laqgħa – Sir Arturo*

Mercieca s-Segretarju Ezekuttiv informa li l-laqgħa ssir it-Tnejn. *Mercieca*

2.7 Dwar punt 2.7 rigward it-tappieri il-Kunsill ġie infurmat li l-perit ta' ċans xahar u ċċertifka x-xogħol. Sadanittant ix-xogħol li sar fi Sqaq Carmel għadu ma ġiex iċċertifikat. Il-Kunsill talab lill-kuntrattur LK Ltd biex jirranġa xi affarijiet. *Xogħlijiet fit-toroq*

2.8 Dwar punt 2.8 il-Kunsill iddiskuta l-fatt li l-kuntrattur Philip Agius and Sons għad fadallu ħafna x'jitħallas għaliex il-perit preċedenti għadu ma ċċertifikax ix-xogħol tiegħu kollu. Fuq din in-nota s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kuntrattur ilu ħafna jistaqsi lill-Kunsill għal xi ħlas għaliex ikun diġa ħareġ ħafna tal-materjal u inħoloq ftehim li jingħata Ewro 10,000 biex forsi wkoll ninkuraġuh jaħdem. Il-Kunsill qabel ma dan. Sadanittant il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lil Perit Vassallo li jekk se jibqa ma jiċċertifikax ix-xogħol ta' qabel se jkollu jikteb lill-Kamra tal-Periti. Il-Kunsill se jerġa jfakkar bil-miktub lil Tony Aquilina Ltd għal stima ta' xogħlijiet f'tappieri.

2.9 Dwar punt 2.16 dwar l-iskema tal-ETC għall-*handyman* il-Kunsill bgħat *reminder* izda għadu ma rċeviex risposta. *Skema tal-ħaddiema tal-ETC*

2.10 Dwar l-iskema tal-ħabsin għal *handyman* għal Kunsill is-Segretarju Ezekuttiv informa li se jintlaħaq ftehim għat-trasport mal-Kunsilli ta' Ta' Xbiex kif ukoll tal-Imsida u jinqassmu xi spejjez. *Skema tal-ħaddiema tal-ħabsin*

2.11 Dwar punt 2.19 dwar il-kontijiet li qegħdin nirċievu tal-*Green Wardens* il-Kunsill iddiskuta jekk dan is-servizz għandux jibqa jsir jew le. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li fl-opinjoni tagħha ikun ħela ta' flus jekk dan ma jitkompliex għaliex dak l-isforz li jkun sar fix-xhur ta' qabel se jintilef għaliex nerġgħu nimtlew bl-iskart f'kull ħin u taqbel li almenu jkun hemm jumejn fix-xahar. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi ukoll taqbel li ma jinqatgħux għal kollox. Is-Sindku propona li għalissa s-servizz ikun ta' darbtejn fil-gimgħa għal dawn ix-xagħrejn li ġejjin. Il-Kunsill qabel. *Green Wardens*

2.12 Il-Kunsillier J. Pillow informa li meta qiegħed jinġabar il-ħġieġ il-kuntrattur stess qiegħed iħalli ħmieġ fit-toroq tal-*containers* tal-ħġieġ li jkun qiegħed fih. Il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur. *Riċiklar tal-ħġieġ*

2.13 Is-Sindku fakkar li reġgħa wasal iz-zmien li l-Kunsill ifakkar il-kampanja li kien għamel 'Tas-Sliema ..bla skart' . Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kellu jsaqsi għal spazzju minn ħafna *advertising street furniture* li qegħdin jiġu mwaħħla f'Tas-Sliema. Is- *Kampanja – Tas-Sliema bla Skart*

Segretarju Ezekuttiv qal li diġa kien hemm kumpanija minnhom li aċċettat u qiegħed jistenna d-dizinn u l-kliem li l-Kunsill irid jikteb.

2.14 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li hemm bzonn li titkabbar il-*loading/unloading* fin-naħa ta' fuq ta' Triq Dingli. *Loading/Unloading*

2.15 Il-Kunsillier P. Portelli irrimarka li qiegħed ikun hemm van li jbiegħ ramel sintetiku dejjem fl-istess post u ċempel diversi drabi lill-pulizija, fejn dan qiegħed jostakola bankina u jġiegħel nies jaqsmu min-naħa l-oħra. Is-Sindku informa li din l-issue tal-*hawkers* qegħda tiġi diskussa mal-pulizija u d-diffikulta tagħhom li qegħdin isibu li hemm diversi permessi u licenzji minn entitajiet differenti, kif ukoll m'hemmx regolamenti li wieħed jista jimxi magħhom. Il-kunsill kien talab li jsiru xi *bye laws*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien talab għal stima minn avukati u din se tiġi tiswa madwar Ewro 590. Dawn se jagħmlu riċerka kif tista tiġi trattata din il-*bye law*. Is-Sindku qal li se jkun qiegħed isir ezerċizzju minn Pulizija dwar il-permessi għall-aktar kontrol. Il-Kunsillier M. Briguglio jaqbel li l-Kunsill ifittex legalita. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li taqbel ma regolamenti izda min għandu permess għandu dritt li joqgħod. *Bye laws - Hawkers*

2.16 Il-Kunsill qabel mal-istima tal-avukuti u qabel ukoll li l-areas li jkunu ikkonċernati ikunu l-*promenade* kollu bix-Xatt inkluz u Triq Bisazza. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li waħda mir-regolamenti fil-*bye law* tkun li tinzamm ċertu distanza minn wieħed għal ieħor. Kif ukoll għal min għandu kabina x-Xatt irid joqgħod fiha u mhux idur man-nies. Il-Kunsill għandu jiddiskuti dan u aktar fil-laqgħa li se jkollu mal-avukati dwar din il-*bye law*.

2.17 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar fil-programm *Times Talk* kien ġie diskuss li l-Gvern jista jghin 70 fil milja għal-manutenzjoni tat-toroq. Il-Kunsillier Radmilli propona li l-Kunsill għandu jikteb lill-Ministru dirett u ngħidu li l-Kunsill jaf li hemm skema dwar għajnuna fit-toroq u qiegħed jistaqsi għall-għajnuna biex issir Triq Manwel Dimech għaliex din hija sfrundata u tiswa madwar Ewro 700, 000. Triq Manwel Dimech

2.18 Is-Sindku informa li se jkun hemm laqgħa tal-Kabinett tar-Regjun Centrali u bi ħsiebu jekk ikollu ċans isemmi l-aktar tlett punti importanti li jikkonċernaw lil Tas-Sliema. 1. Il-parkeġġ f'Tas-Sliema. 2. Is-sitwazzjoni tat-toroq minħabba l-ħsara kbira li qegħda ssir minn kostruzzjoni. 3. Tas-Sliema m'għandiex toroq arterjali li jsiru mill-Gvern Centrali. Kien hemm qbil ma dan u jekk *Laqgħa tal-Kabinett*

ma jkollux iċ-ċans li jressaq dawn il-punti, l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru.

2.19 Dwar punt 3.3 il-Kunsill qabel li għandu jsir *finance committee meeting* kemm jista jkun malajr. Is-Sindku qal li trid tiġi deċiza data mill-aktar fis u min jista jattendi. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li l-aħjar il-laqgħat tas-sotto kumitati isiru qabel il-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sindku qal li hu m'għandux diffikulta ta' ħinijiet. *Finance Committee meeting*

2.20 Il-Kunsillier P. Portelli propona li l-Kunsill jiftaħ ġurnata fil-ġimgħa wara nofs in-nhar fis-Sajf minħabba n-nofs ta' nhari. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li se jkun qiegħed isaqsi l-istaff għaliex ma jista jobbligħom. B'referenza għall-punt 2.19 ta' din is-seduta jekk il-Kunsill jinfetaħ ġurnata wara nofs in-nhar ikunu jistgħu jsiru l-laqgħat tas-sotto kumitati f'dik il-ġurnata wkoll. *Ftuħ tal-uffiċċju wara nofs in-nhar għas-Sajf għal ġurnata f'ġimgħa*

2.21 Dwar punt 4.11 il-Kunsillier P. Radmilli propona li jkunu tim ta' madwar tlett membri biex jiġi diskuss l-uzu tal-bicycles. Ġie nnotat ukoll li fi Triq Bisazza hemm bzonn ta' *bike rack*. *Bicycles*

2.22 Il-Kunsillier M. Briguglio propona li jitwaħħlu tabelli fit-toroq biex is-sewwieqa jirrispettaw iċ-ċiklisti. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jitwaħħlu fuq wara tat-tabelli diġa ezistenti. *Tabelli dwar iċ-ċiklisti*

2.23 Dwar punt 6.1 dwar il-*bus lane* tax-Xatt li qegħdin jgħaddu l-karozzi minn ġewwa biex jevitaw it-traffiku, il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-uffiċċjali tat-Trasport Malta qegħdin ikunu dejjem fl-istess ħin u ġranet u din qegħda tindera. Kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu fi ġranet differenti. *Bus lane tax-Xatt*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa dwar ik-kont ta' Vibe FM. Il-Kunsillier P. Portelli spjega kif tqassam l-*advertising* għal SAF event.

3.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-kont pagabbli lil Joe Gatt. Il-Kunsill fakkar li kien hemm deċizjoni tal-Kunsill wara talba mill-Ombudsman biex jitħallas fuq ħsara li kien hemm fi Triq Moroni.

3.10 Is-Sindku approva l-pagament ta' din is-seduta. Il-Kunsilliera N. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati.

4. **RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI**

4.1 Is-Sindku tkellem dwar *traffic management* biex issir Junction quddiem Peppi's. Il-Kunsill għandu jitlob lit-TM u jissuġġerixxi li jkun hemm il-perit Vassallo (mit-Transport Malta stess) fuq dan il-proġett *Traffic Management*

4.2 Dwar l-Urbact III project is-Segretarju Ezekuttiv informa li din il-ġimgħa se jiġi iffirmat il-ftehim mal-konsulent. *Urbact project iii*

4.3 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar il-Distillazzjoni li tinsab ix-Xatt ta' Tigne. Il-Kunsill qabel li jitlob għad-devoluzzjoni biex ikun jista jutilizza dan il-post bħal muzew jew affarijiet oħra relatati ma' Tas-Sliema. *Distillazzjoni*

4.4 Is-Sindku spjega kif hemm skema li l-Kunsill jista jutilizza biex jagħmel xi proġett ta' restawr. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għazla għanda tkun il-*bridge* ta' Triq il-Kulleġġ l-Antik f'kaz li dan ma jintlaqax ikunu in-niċeċ fil-kantunieri ta' Tas-Sliema. Biex issir l-applikazzjoni lic-Chairman tal-Bord ta' din l-Iskema irid ikun hemm dokumenti storiċi. Il-Kunsill qabel li jinvolvi lill-Perit Edward Said. *Proġett ta' restawrar*

4.5 Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lid-Dipartiment tal-Artijiet biex issir laqgħa ma min qed jieħu ħsieb bħal Fortizza u postijiet oħra antiki biex jieħdu ħsieb ukoll li jsir manuntenzjoni tal-post.

4.6 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-Kumitat tat-Turizmu u informa li iddiskuta ix-xogħol li hemm bzonn issir fuq Chalet. Iddiskuta wkoll biex il-gallariji tal-promenade fejn it-Torri li jgħatu għal fuq il-kosta isiru *open air gym*. Qal ukoll li forsi l-MTA għandu fondi għalhekk. *Laqgħa kumitat - Turizmu*

7. **AĠĠORNAMENT**

7.1 Is-seduta waqqfet fit-20.16. Seduta oħra ġiet aġġornata nhar l-Erbgħa 17 ta' Gunju 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 23/07/2015

Anthony Chircop
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv